# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU. 2347

Każ Nru 3277/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Tanya Grigorova Delcheva

vs

Dragonara Beauty Clinics Limited

Data: 21 ta' Jannar 2015

*dwar: tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta*

**Chairman: Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-każ ġie intavolat permezz ta' Rikors magħmul mill-Avv Jan-Karl Farrugia f'isem Tanya Grigorova Delcheva fil-25 ta' Lulju 2014 fejn din allegat li kienet ġiet liċenzjata illegalment minn mas-Soċjetà Dragonara Beauty Clinics Limited fit-30 ta' Mejju 2014

mingħajr raġuni tajba u suffiċjenti. Is-Soċjetà Intimata li kienet rappreżentata mill-Avv. Edward Mizzi ċaħdet dan. Inżammu ħames seduti.

Ai termini tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad li minħabba n-numru ta' xhieda kif ukoll in-numru ta' seduti ma kienx possibbli li l-każ jinstama' u jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Kap.

## 2. Fatti tal-Każ

Ir-Rikorrenti tgħid li fit-30 ta' Mejju 2014 meta daħlet għax-xogħol il-*Managress* tagħha qaltilha li l-kuntratt tagħha kien qed jiġi terminat. Hi infurmat lid-diriġent li kellha ċertifikat mediku li kien għadu miftuh. Din irrispondtiha li ma kienux jafu b'dan. Fil-fatt ir-Rikorrenti tgħid li kienet infurmat lis-*supevisor* tagħha fit-13 ta' Mejju 2014 bil-kundizzjoni medika tagħha. Id-Diriġenti allegat ukoll illi kien hemm attitudini ħażina da parti tagħha, kif ukoll li ma kienitx mxiet sewwa mal-kollegi tagħha. Allegatament qaltilha ukoll li l-età tagħha ta' 'l fuq minn 50 sena kienet problema. Tgħid li qatt ma rċiviet twissijiet bil-miktub jew ittra ta' terminazzjoni. Għaldaqstant ma kienx hemm raġuni ġusta u suffiċjenti għal-liċenzjament tagħha. Is-Soċjetà Intimata tgħid li xi klijenti kienu jgergru fuq ir-Rikorrenti waqt li oħrajn jitolbu li ma jkunux servuti minnha. Tgħid li l-attitudini ma' sħabha u s-superjuri tagħha kienet ħażina u għad li kienet imwissija diversi drabi qatt ma indirizzat dawn in-nuqqasijiet. Oltre dan kienet tumilja lill-sħabha quddiem il-klijenti u ġġellidhom bejniethom. Is-Soċjetà Intimata tgħid li kienet wissiet lir-Rikorrenti diversi drabi anke bil-miktub. Minkejja dan ir-Rikorrenti baqgħet tippersisti bl-imġieba tagħha tant li fit-30 ta' Mejju 2015 kellha bilfors tiġi liċenzjatha.

## 3. Konsiderazzjonijiet

It-Tribunal kien impressjonat bil-fatt li r-Rikorrenti kienet abbli ħafna f'xogħolha kif xhedu kollegi u superjuri tagħha. Għalhekk il-problema ma kienitx ċertament dik professjonali. Iżda l-attitudini u l-komportament tar-Rikkorrenti kienu allegatament l-kawża tal-liċenzjament tagħha. It-Tribunal eżamina bir-reqqa dak kollu li allegat is-Soċjetà Intimata u r-reazzjoni tar-Rikorrenti. Ma hemmx dubju li l-attitudini tar-Rikorrenti ma' sħabha u anke darba minnhom ma' superjura tagħha kienet waħda negattiva. Dan ġie ampjament pruvat. L-allegazzjoni tar-Rikorrenti li l-età tagħha ta' 56 sena kienet raġuni għal-liċenzjament tagħha ġiet sodisfaċentement miċħudha għaliex kienet fil-fatt ġiet impjegata sentejn biss qabel minn min allegatament qalilha hekk (Angele Tabone seduta 3.12.14 fol.18). Oltre n-nuqqasijiet li ssemmew kien hemm wieħed iktar serju. Ir-Rikorrenti waqt il-qadi tad-doveri tagħha bħala *masseuse* kellha drawwa li titkellem mal-klijenti b'mod li tindikalhom xi sintomi mediċi jew fisiċi li sata' kellhom. Dana kien imur kontra l-*policy* tal-klinika li kienet tenfasizza li l-iskop

tal-massaġġi ma kienx ieħor ħlief li tirrilassa lill-klijenti u ċertament ma kienx hemm lok għal diskussjoni ta' xi materji mediċi magħhom. Ir-Rikorrenti kienet kemm il-darba imwissija biex tbiddel l-attitudini tagħha f'dan. Jidher li ftit tat każ bir-riżultat li kien hemm klijenti li jitolbu li ma jiġux massaġjati mir-Rikorrenti. In-nuqqas tar-Rikorrenti li tkun konformi mal-*policy* tal-klinika u tippersisti minkejja twissijiet fl-opinjoni tat-Tribunal hija materja serja ħafna. Il-kumulu ta' nuqqasijiet u l-persistenza tar-Rikorrenti li ma tbiddilx l-attitudini tagħha speċjalment wara twissijiet jirriżultaw f'raġuni ġusta u sufficjenti għal-liċenzjament tagħha.

## **4. Deċiżjoni**

It-Tribunal Industrijali isib li r-Rikorrenti Tanya Grigorova Delcheva ġiet liċenzjatha minn mas-Soċjetà Intimata Dragonara Beauty Clinics Limitted għal raġuni ġusta u suffiċjenti.

B'hekk jintemm dan il-Każ.

## **5. Drittijet**

Ai termini tal-Avviż Legali Nru 48 tal-1986 it-Tribunal Industrijali jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull wieħed.

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja